MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Numru. 258/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARRYL BORG**
**SPETTUR STEPHEN SALIBA**
**VS**
**CLAUDIA MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Claudia Muscat ta’ 28 sena, bint Joseph Muscat u Mary Rose nee’ Azzopardi, mwielda Pieta’ nhar is- 16 ta’ Novembru 1984, residenti 161, Mary Rose, Triq Guze’ Ellul Mercer, Dingli u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 565184M ;

Talli matul il- lejl ta’ bejn it- 3 u l- 4 ta’ Marzu 2012 gewwa Ta’ Qali Attard, b’ diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk

fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) ikkommettiet serq ta' mobile phone tal- ghamla Iphone, nuccali tal- vista tal- marka D&G u diversi oggetti ohra ghad- detriment ta' Olwyn Jo saliba liema serq huwa kkwalifikat bil- hin u bil- valur li jiskorri €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.37;

2) talli ikkommettiet serq ta' mobile phone HTC u diversi oggetti ohra ghad- detriment ta' Jessica Seguna liema serq huwa kkwalifikat bil- hin u bil- valur li jiskorri €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.37;

3) talli ikkommettiet serq ta' mobile phone tal- ghamla Nokia ghad- detriment ta' Christine Camilleri liema serq huwa kkwalifikat bil- hin u bil- valur li ma jiskorrix €232.94;

4) finalment talli fl- istess zminijiet u cirkostanzi, f' dawn il- Gzejjer xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputata, flimkien mas-sieheb taghha Bradley Carabott, tressqu quddiem din il-Qorti akkuzati ta' serq u ricettazzjoni. Huma kienu party fil-lejl in kwistjoni, u marru lura d-dar ghall-habta tas-sieghat bikrin ta' filghodu. Ftit wara gew arrestati mill-Pulizija, peress illi saret tfittxija fuqhom u fil-vettura taghhom, u instabu oggetti li kienu gew misruqa mill-istess party fejn kienu aktar kmieni. Ma nghatat ebda spjegazzjoni tal-pussess ta' dawn l-oggetti. Bradley Carabott kien

ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu fi proceduri odjerni, u ghalhekk kienet inghatat sentenza fil-konfront tieghu u tkompliet il-kawza kontra l-imputata. Jidher li l-imputata ma kienetx taf bil-pussess ta' dawn l-oggetti, u ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti m'hix ser issibha hatja u sejra tilliberaha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270, 289 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------